**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022**

**Rikors nru: 591/2021 AGV :**

**AB** u permezz ta' prokura datata 28 ta' Ottubru 2021, l-Avukat Dr Noella Schiriha qed tidher fuq dan l-att ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti **CDB**

**Il-Qorti rat ir-rikors tal-partijiet datat 1 ta' Dicembru 2021 fejn esponew bir-rispett u bil-ġurament tagħhom kkonfermaw:**

1. Illi r-rikorrenti kienu zzewwgu fir-Renju Unit, fil- 5 ta' April 2003, skont certifkat taz-zwieg ( anness u mmarkat Dok. A), u minn daz-zwieg ma twildux tfal ;
2. Illi l-partijiet isseperaw fit-12 ta' April 2021, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr. Sharon Faith Farrugia, anness u mmarkat Dok B , u ma hemm ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni stante li

minbarra li ilhom hames snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment seperata minn xulxin, u kull parti ghandha rabtiet ohra;

3. Illi skont l-imsemmi kuntratt ta' seperazzjoni ( klawzola numru 2), il-partijiet irrinuzjaw ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin ;
4. Illi dal-fatti imsemmija hawn fuq, jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha methiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dil-Onorabbli Qorti sabiex;

i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet;
ii. Tordna lir-registrur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi registat fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**